# Yahad

## Jalla l-paċi tinżel fuq din l-art ħelwa



**"Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa,
li l-aħwa jgħammru flimkien."
(S 133, 1)**

YAHAD: Dan it-terminu bl-Ebrajk jintuża fil-Bibbja l-aktar bħala avverbju li għandu bħala tifsira "flimkien" u "ma' xulxin". L-istess terminu jintuża biex ifisser is-sens ta' għaqda u komunità.

ISBN: 978-9918-0-0208-5

Publikazzjoni tal-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi, Arċidjoċesi ta' Malta.

Stampi Simon Callus

Diżinn Matthew Urpani

Mitbugħ fil-Progress Press

©Kummissjoni Ġustizzja u Paċi, 2022

KUMMISSJONI
ĠUSTIZZJA U PAĊI

L-ARĊIDJOĊESI
TA' MALTA

L-iskop ewlieni tal-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi, fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta, huwa li jippromwovi t-Tagħlim soċjali tal-Knisja. Hija taħdem ukoll favur soċjetà li fiha d-dinjita' u d-drittijiet umani ta' kulħadd - b'mod speċjali dawk ta' l-iktar vulnerabbli – huma rispettati, u l-kultura tal-laqgħa tieħu post il-kultura ta' l-iskart biex b'hekk nagħrfu lil xulxin bħala aħwa.

**Għal aktar informazzjoni żur gp.knisja.mt**

# Daħla

Daniel Darmanin
President tal-Kummissjoni
Ġustizzja u Paċi

Fl-ewwel ta' Jannar ta' kull sena, il-Knisja tiċċelebra l-Jum Dinji tal-Paċi. Bil-messaġġ tal-anġli fil-Milied ta' "Paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba" għadu jidwi, il-Knisja testendi l-viżjoni tagħha tal-paċi għad-dinja kollha.

Lokalment, il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi tipprova ssib modi li bih dan il-messaġġ ta' paċi jista' jiġi megħjux ta' kuljum fil-komunitajiet tagħna. Tabilħaqq, tul is-sena jkun hemm bosta okkażjonijiet li fihom nosservaw nuqqas serju ta' paċi f'din il-gżira ċkejkna. Sew hux minħabba l-politika partiġġana, it-twemmin reliġjuż, l-affiljazzjoni ma' xi każin tal-banda jew tim tal-futbol, jew minħabba kwistjonijiet personali, il-firda hija mifruxa. Barra minn hekk, din is-sena qed nistennew elezzjoni ġenerali, u bħal dejjem, il-polarizzazzjoni partiġġana, dejjem preżenti fis-soċjetà tagħna, se tiqliel.

Il-Kummissjoni temmen li għaldaqstant huwa opportun li fil-bidu ta' din is-sena, qabel ma s-soċjetà tinqabad fil-ferneżija tal-elezzjoni, nieqfu għal mument u nirriflettu dwar kif nistgħu nġibu ruħna b'mod kostruttiv biex nibnu l-paċi fin-nazzjon tagħna. Kliem bħal unità nazzjonali u rikonċiljazzjoni nazzjonali saru komuni fid-diskorsi tal-mexxejja tagħna. Tabilħaqq, il-ħtieġa għat-tnejn li huma hija reali u urġenti. Madankollu, din l-unità nazzjonali ma tistax tinkiseb bix-xewqa jew bil-laqgħat bejn il-partijiet ikkonċernati biss. Sabiex is-soċjetà tagħna tkun tista' tiffjorixxi, hemm bżonn isir sforz konċertat fuq skala nazzjonali biex naffaċċaw dak kollu li mhuwiex tajjeb fis-soċjetà tagħna. Hemm bżonn li nirrikonoxxu li kollha kemm aħna, b'xi mod jew ieħor, ikkontribwejna għat-tkissir tal-paċi fis-soċjetà tagħna, u li kollha kemm aħna għandna responsabbiltà ndaqs biex nibnu din il-paċi mill-ġdid.

Permezz ta' dan id-dokument, il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi qed toffri riflessjoni dwar dak li kien, fiex qegħdin, u fejn sejrin. Dan id-dokument qiegħed jiġi offrut bit-tama li jservi ta' għajnuna għal ġensna f'din it-triq ta' tkabbir u rikonċiljazzjoni nazzjonali, sabiex il-firdiet ta' bejnietna jingħalqu, il-ġrieħi jiddewwew, u nsiru tabilħaqq ħaġa waħda. – Yahad!

# Introduzzjoni

L-istorja reċenti ta' Malta kienet waħda ta' suċċess, b'aktar minn mod wieħed. Skont il-bosta kriterji li tradizzjonalment jintużaw biex ikejlu l-iżvilupp ta' pajjiż, is-soċjetà u l-ekonomija tagħna għamlu l-aħjar mill-opportunitajiet li ġew ippreżentati lilhom. Dan huwa r-riżultat tal-isforzi tal-partijiet ikkonċernati, ta' min ifassal il-politika u taċ-ċittadini kollha li b'bosta modi stinkaw biex itejbu l-livell ta' għajxien tagħna. F'dak li jirrigwarda t-tkabbir tal-GDP, pereżempju, qabel il-COVID, Malta esperjenzat tkabbir li qatt ma rajna bħalu. Dan it-tkabbir ekonomiku, min-naħa tiegħu, ippermetta lill-Gvern jespandi l-portafoll ta' servizzi soċjali u għajnuna ekonomika tiegħu lil bosta kategoriji ta' persuni, inklużi l-pensjonanti, il-ġenituri li jaħdmu, kif ukoll li jinvesti fl-infrastruttura ġenerali tal-pajjiż. L-għadd ta' nies jaħdmu wkoll spara 'l fuq, u Malta konsistentement kellha wieħed mill-aktar livelli ta' qgħad baxxi fl-Unjoni Ewropea.

**"L-ismijiet u t-tifkira ta' Lassana, Daphne u Miriam se jiggwidawna, jakkumpanjawna u jispirawna aħna u nirriflettu fuq dawn ir-relazzjonijiet miksura li jeħtieġu li jiġġeddu u jiġu rikonċiljati."**

Madankollu, kien hemm prezz għal dan is-suċċess, u l-prezz huwa għoli tassew. Dan id-dokument jibda b'meditazzjoni dwar il-Poliptiku tal-Vittmi – simbolu ta' dawk li ħallsu l-ogħla prezz; rappreżentazzjoni ta' dawk li, b'aktar minn mod wieħed, kienu vittmi tas-suċċess tagħna. Hija meditazzjoni li tinbet mir-responsabbiltà tagħna bħala Knisja "b'għajnejha u widnejha miftuħa għall-krib ġej mill-periferiji. B'hekk nistgħu tassew inkunu attenti u nwieġbu għal ħtiġijiet ta' dawk fostna li huma miġruħin — hi kemm hi moħbija t-tbatija tagħhom."[1]

[1] ARĊIDJOĊEŻI TA' MALTA, *Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed Proċess ta' tiġdid ekkleżjali*, 44.

L-ismijiet u t-tifkira ta' Lassana, Daphne u Miriam se jiggwidawna, jakkumpanjawna u jispirawna aħna u nirriflettu fuq dawn ir-relazzjonijiet miksura li jeħtieġu li jiġġeddu u jiġu rikonċiljati. Se nkunu mmexxija wkoll mill-karba tal-Vittma Bla Wiċċ, li tirrappreżenta lil kull min qiegħed jagħmel li jista' biex jgħix ħajja ta' virtu'f'ċirkostanzi li, f'xi waqtiet, jagħmluha aktar faċli li timxi mal-kurrent u ġġib ruħek b'modi li joħolqu saħansitra aktar vittmi tal-inġustizzja. Se nirriflettu dwar it-tip ta' soċjetà li nixtiequ ngħixu fiha, soċjetà li, għax ma tixtieqx "twarrab parti minnha fil-ġenb"[2], tiffoka mill-ġdid fuq in-nies u l-kwalità tal-ħajja tagħhom, billi tibda minn dawk li qegħdin fil-marġni tas-soċjetà. F'dan il-proċess, ejjew madankollu nżommu f'moħħna li dawn il-vittmi mhumiex biss "simboli" ta' xi ħaġa ferm akbar minnhom. Qabelxejn, dawn huma nies, maħbubin u għeżież għall-ħbieb u familjari li l-ħajjiet tagħhom se jkunu mmarkati għal dejjem bil-luttu u t-telfa, u li għall-memorja tagħhom dan id-dokument huwa ddedikat.

Dan id-dokument huwa maqsum fi tliet taqsimiet. Fl-ewwel taqsima se niffukaw fuq dawn l-istanzi li fihom inkixfu dawn il-ġrieħi tas-soċjetà. Fit-tieni taqsima, ispirati mit-tradizzjoni għanja tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja, se nirriflettu dwar għadd ta' virtujiet ewlenin, li jistgħu jagħmluha ta' gwida aħna u nibdew dan il-proċess ta' fejqan, rikonċiljazzjoni u tiġdid. Fit-tielet u l-aħħar taqsima, il-bnedmin kollha ta' rieda tajba, Insara u mhux, se jkunu mistiedna li jimpenjaw ruħhom favur soċjetà li fiha "l-kultura tal-ħela" titwarrab u tagħmel post għal "kultura tal-laqgħa". Infatti, fil-kliem li jibqa' jidwi ta' Dietrich Bonhoeffer, "m'għandniex sempliċement ninfaxxaw il-ġrieħi tal-vittmi tar-roti tal-inġustizzja, iżda rridu nitfgħu l-bsaten fir-rota nfisha"[3].

[2] IL-PAPA FRANĠISKU, *Fratelli Tutti,* 235.
[3] DIETRICH BONHOEFFER, *No Rusty Words. Letters, Lectures and Notes 1928-1936*, Harper and Row, 1965, 225.



# Poliptiku ta' Vittmi



Daphne

# 16.10.2017

Fis-16 ta' Ottubru, 2017, splodiet bomba taħt karozza fil-Bidnija li ħadet il-ħajja tal-ġurnalista investigattiva ewlenija ta' Malta: Daphne Caruana Galizia. Nistgħu ngħidu li dan, b'aktar minn mod wieħed, kien punt kruċjali fl-istorja politika Maltija moderna. Dan il-mument fired dak li ġie qablu minn dak li ġie warajh.

Intqal u nkiteb ħafna dwar l-implikazzjonijiet soċjali u politiċi ta' din l-eżekuzzjoni makabra. Hawn se nillimitaw ruħna għal tliet kunsiderazzjonijiet li ħarġu mir-rapport maħruġ fil-konklużjoni ta' l-inkjesta pubblika dwar iċ-ċirkostanzi tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.

Spiss jingħad li biex jirbaħ il-ħażen, kulma hu meħtieġ huwa li n-nies tajbin ma jagħmlu xejn. Ħaġa xokkanti u li toħroġ ċara fir-Rapport fuq il-qtil ta' Daphne hija s-sensiela ta' "dnubiet ta' omissjoni" li saru minn dawk li kellhom ir-responsabbiltà mhux biss li jipproteġu lil Daphne iżda wkoll li jipprevjenu l-ħolqien ta' stat de facto ta' impunità, li wassal biex min ordna l-qtil jaħseb li seta' jgħaddiha lixxa. L-atmosfera ta' impunità ġiet iġġenerata mill-"ogħla livelli fil-qalba tal-amministrazzjoni f'Kastilja u bħal qarnita infirxet għal entitajiet oħra bħal istituzzjonijiet regolatorji u l-Pulizija li wassal għall-kollass tas-saltna tad-dritt"[4].

Sew hux minħabba nuqqas ta' azzjoni volontarja jew inkompetenza grassa, ir-riżultat kien li Daphne tħalliet waħedha, vulnerabbli u esposta sal-punt li fl-aħħar mill-aħħar wassal għall-qtil tagħha.

Fid-dawl ta' din il-ġerħa li se ttebba' għal dejjem il-kuxjenza kollettiva tagħna, jista' jkun li għandna nistaqsu lilna nfusna jekk aħna, bħala ċittadini komuni, għandniex nagħmlu aktar biex ngħollu leħinna flimkien

[4] BORD TA' INKJESTA – DAPHNE CARUANA GALIZIA, 388.



biex niddefendu dak li hu tajjeb sabiex noqogħdu spalla ma' spalla ma' dawk li jieħdu r-riskju li joħorġu għonqhom għas-sewwa, spiss b'riskju personali kbir. Liema tip ta' biża' jżommna milli nuru solidarjetà maċ-ċittadini ħutna li bi qlubija jissieltu għall-ġustizzja fostna? Ovvjament, jista' jkun li nippreferu ma niħdux riskji u nħallu l-ġlieda għal-soċjetà aħjar f'idejn ħaddieħor. B'dan il-mod, qatt mhu se jkollna tort, qatt mhu se nfallu u qatt m'aħna se nkunu l-mira ta' kritika[5]. Daphne, bil-mod inimitabbli u spiss kontroversjali tagħha, qatt ma qagħdet lura minn din il-ħidma li spiss ma tirċievi l-ebda rikonoxximent. U għal dan, ħallset l-ogħla prezz. Fuq l-eżempju tagħha, forsi ta' min nieħdu aktar bis-serjetà l-istedina li tiġi direttament minn dawn il-kliem li qal il-President Theodore Roosevelt:

**"Liema tip ta' biża' jżommna milli nuru solidarjetà maċ-ċittadini ħutna li bi qlubija jissieltu għall-ġustizzja fostna?"**

[5] *"U hekk, ladarba inti biered, u la sħun u lanqas kiesaħ, jiena sa nobżqok minn ġo ħalqi."* APK 3, 16.

*"Mhuwiex il-kritiku li jgħodd; u lanqas huwa dak li jurina kif ir-raġel b'saħħtu jitfixkel, jew kif min jagħmel l-għemil seta' għamlu aħjar. Il-krettu huwa ta' dak li qiegħed fl-arena, li għandu wiċċu mtebba' bit-trab u l-għaraq u d-demm; li jistinka bi qlubija; li jiżbalja, li jonqos darba wara l-oħra, għax m'hemmx sforz mingħajr żball u nuqqasijiet; iżda li tabilħaqq jistinka biex iwettaq l-għemil; li jaf il-ħeġeġ il-kbar, id-devozzjonijiet il-kbar; li jinfena għal kawża ġusta; li fl-aħjar tiegħu jaf fl-aħħar ir-rebħa tal-ogħla kisbiet, u li fl-agħar tiegħu, li jekk ifalli, tal-anqas qed ifalli meta jkun qed jissogra bil-kbir, u b'hekk postu qatt ma jkun ma' dawk l-erwieħ bierda u timidi li la ġarrbu r-rebħa u lanqas it-telfa."*[6]

It-tieni punt li nixtiequ nenfasizzaw huwa l-kampanja kostanti ta' demonizzazzjoni li Daphne kienet soġġetta għaliha bi ħdura u qawwa dejjem akbar. Din il-kampanja ta' mibegħda kienet tabilħaqq xokkanti, mhux biss fl-intensità tagħha iżda wkoll fid-dawl tal-fatt li jidher li parti minn dawn l-attakki kiefra kellhom l-appoġġ tal-Istat. Ħadd, wisq inqas il-ġurnalisti, ma għandu jkun soġġett għal dan il-livell ta' attakki mimlija mibegħda. Kif nistgħu qatt nittamaw li nibnu soċjetà paċifika u ġusta jekk il-livell tad-diskors pubbliku tagħna spiss ħafna jaqa' għal attakki tal-mistħija u partiġġani? Wieħed mill-prinċipji bażiċi ta' soċjetà tassew demokratika hija l-ħila tad-djalogu. B'xorti ħażina, qed ngħixu f'soċjetà dejjem aktar polarizzata u atomizzata, li fiha l-membri ta' gruppi partikolari jinqatgħu għalihom fi kmamar tal-eku li fihom min jaħsibha bħalhom biss huwa milqugħ. Bħala soċjetà, għandna l-ħtieġa urġenti li niskopru mill-ġdid l-arti tad-djalogu rispettuż[7]. Nistgħu nimxu 'l quddiem u nistinkaw għall-ġid komuni biss jekk lill-oħrajn inkunu kapaċi nisimgħuhom minflok neqirduhom[8].

[6] THEODORE ROOSEVELT, *Diskors mogħti fit-23 ta' April, 1910.*
[7] IL-KUMMISSJONI ĠUSTIZZJA U PAĊI, *Imsejħa naħdmu għall-ġustizzja u l-paċi. Stqarrija mill-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi xahar mill-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, 3.*
[8] Cf. *Naraw il-verità, lil hinn mill-inkonsistenzi tagħna,* https://gp.knisja.mt/naraw-il-verita-lil-hinn-mill-inkonsistenzi-taghna/ (aċċessata t-13/10/2021)

Fl-aħħar, ir-rapport tal-inkjesta jenfasizza, b'ċarezza li tissummana, il-qrubija mhux xierqa bejn in-negozjanti u l-politikanti. Kull min qara l-artikli tagħha jaf kemm Daphne kienet kritika ta' din l-intimità bejn in-negozjanti l-kbar u l-gvern. Din il-qrubija u r-relazzjoni intima kienu fatturi determinanti għal għadd ta' proġetti kbar li spiċċaw taħt l-iskrutinju tal-awditur ġenerali u tal-inkjesti maġisterjali. Ħafna minn dawn ir-rapporti u l-inkjesti sabu irregolaritajiet sinifikanti. In-negozji l-kbar ħatfu l-opportunità li jibqgħu għaddejjin bil-proġetti tagħhom bl-inqas sorveljanza amministrattiva, u permezz tal-"manipulazzjoni" ta' uffiċjali għolja.

**"Bħala soċjetà, għandna l-ħtieġa urġenti li niskopru mill-ġdid l-arti tad-djalogu rispettuż. Nistgħu nimxu 'l quddiem u nistinkaw għall-ġid komuni biss jekk lill-oħrajn inkunu kapaċi nisimgħuhom minflok neqirduhom."**

Ir-rapport dwar l-inkjesta ta' Daphne ssottolinja d-dmir tal-amministrazzjoni pubblika li tissalvagwardja l-istat tad-dritt. Il-kilba għall-flus u l-qligħ min-negozjanti jew l-uffiċjali pubbliċi qatt ma tista' titħalla teqred kwalunkwe traċċa ta' governanza tajba. Diżgrazzjatament, ir-rapport jiddeskrivi sistema li fiha, minflok l-uffiċjali eletti tagħna jkunu għas-servizz tal-ġid komuni – fejn "is-sħiħ" (il-ġid tal-polis fl-interess ta' kulħadd) hu tassew ikbar mill-ġabra tal-partijiet flimkien (jew l-interessi individwali tagħna)[9] – kienu qegħdin jaqdu l-interessi ta' ftit nies setgħana. Hawn qegħdin mili 'l bogħod mill-prinċipju tal-governanza tajba, skont liema l-uffiċjali pubbliċi eletti jiġu eletti biex "jamministraw" il-beni pubbliċi fl-aħjar interess tal-ġid komuni, b'mod partikolari fl-interess tal-iktar vulnerabbli. F'dan il-każ, il-ġid u s-setgħa assoċjati mar-rwol intużaw biex javvanzaw l-interessi privati ta' grupp ristrett ta' nies sinjuri u setgħana.

Bil-mod tiegħu, il-baraxx ta' telefonati qabel kull elezzjoni jsaqsu lin-nies għandhomx bżonn xi ħaġa, huwa sinjal ieħor tat-triq twila li għandna quddiemna fejn tidħol il-governanza tajba. Daphne ssieltet b'kulma kellha

[9] ARĊIDJOĊEŻI TA' MALTA, Knisja Waħda, *Vjaġġ Wieħed Proċess ta' tiġdid ekkleżjali*, 58.

għal pajjiż li fih il-ministri u l-membri parlamentari jeżerċitaw l-awtorità delegata tagħhom b'onestà, trasparenza, u spirtu ta' servizz, minflok iġibu ruħhom bħal xi xorta' ta' sinjuri fewdali li jqassmu il-beni pubbliċi bħala "pjaċiri". Dan iż-żwieġ inċestuż ta' konvenjenza bejn iż-żewġ ċentri ta' poter l-aktar qawwija fil-pajjiż irrappreżentat min-negozjanti u l-politikanti, wassal biex kważi nħoloq stat Mafjuż[10]. Kellha tkun il-mewt ta' Daphne biex ħafna minna jirrealizzaw sa fejn l-ideal tal-governanza tajba u s-servizz pubbliku kien ġie korrott u ppervertit.

[10] Cf. BORD TA' INKJESTA – DAPHNE CARUANA GALIZIA, 388.



Lassana

# 06.04.2019

Fis-6 ta' April 2019, Lassana Cisse Souleymane, ħaddiem migrant ta' 42 sena mill-Kosta tal-Avorju, inqatel bi sparatura minn karozza f'Ħal Far ,f'dak li huwa meqjus bħala l-ewwel qtil razzist ta' profil għoli f'Malta. Żewġ migranti Afrikani oħra wkoll indarbu fl-attakk. Minn dak li nafu sa issa, jidher li Lassana ma nqatel għall-ebda raġuni ħlief mill-fatt li kien "jidher differenti". F'Mejju 2019, is-suldati tal-Forzi Armati ta' Malta Francesco Fenech u Lorin Scicluna ġew mixlija bil-qtil ta' Cisse u tal-attentat ta' qtil tat-tnejn l-oħrajn, flimkien mal-attentat ta' qtil ta' migrant ieħor li ttajjar b'vettura fi Frar ta' qabel. F'dan l-istadju, l-imputati wieġbu li mhumiex ħatja u l-proċess għadu għaddej. Lassana kien missier ta' tlett itfal, u hu nnifsu kien tifel waħdu.

Lassana jirrappreżenta l-vittmi kollha tal-preġudizzju u l-mibegħda ta' dawk li ma jridux jirrispettaw id-dinjità u d-differenza unika tal-oħrajn. Ismu jinsab maġenb l-ismijiet – spiss mhux magħrufa – ta' dawk in-nies kollha li mietu fil-baħar madwarna u li huma l-vittmi ta' politiki lokali u Ewropej li jagħmluha prattikament impossibbli biex l-applikanti għall-ażil jilħqu l-Ewropa b'mod sigur u legali, saħansitra jekk dan ifisser li eluf se jmutu u eluf oħra se jintbagħtu l-Libja biex jaffaċċaw kundizzjonijiet li kemm-il darba nġibdet l-attenzjoni dwar li kienu estremament ħżiena. Lassana huwa wkoll il-wiċċ ta' dawk kollha li ta' kuljum huma l-vittimi ta' mikroaggressjonijiet fil-forma ta' interazzjonijiet sottili, intenzjonati jew mhux, li jikkomunikaw preġudizzju kontra ħaddieħor minħabba differenzi f'lewn il-ġilda jew ir-razza tagħhom. Online kif ukoll offline, il-lingwaġġ tagħna spiss jirrifletti ostilità u vjolenza allar-

**"Online kif ukoll offline, il-lingwaġġ tagħna spiss jirrifletti ostilità u vjolenza allarmanti lejn min huwa 'differenti' minna."**

manti lejn min huwa "differenti" minna[11]. Kien biss f'ġimgħat reċenti li fl-aħħar bdiet tittieħed azzjoni mill-pulizija kontra dawk li jxerrdu l-mibegħda razzjali mill-kumdità tal-iskrins tagħhom[12]. Barra minn hekk, id-diskriminazzjoni razzjali mhijiex limitata għat-twemmin u l-azzjonijiet ta' individwi. Hija wkoll sistemika u istituzzjonalizzata[13]. Pereżempju, filwaqt li r-rapport dwar l-inkjesta interna, li s'issa għadu ma ġiex ippubblikat, li saret wara l-qtil ta' Lassana ma sab l-ebda evidenza ta' razziżmu fil-Forzi Armati, kien ikun ħafna aktar xieraq li ssir inkjesta indipendenti bħala risposta għas-serjetà tas-sitwazzjoni.



[11] Cf. *Footage emerges of black man getting beaten, thrown in sea in Gozo*, https://timesofmalta.com/articles/view/footage-emerges-of-black-man-getting-beaten-thrown-in-sea-in-gozo.888865 (aċċessata 16/09/2021); *Asylum seeker warns of danger in Marsa street after assault*, https://timesofmalta.com/articles/view/asylum-seeker-warns-of-danger-in-marsa-street-after-assault.899852 (aċċessata 16/09/2021).
[12] Cf. *Another 20 people to be charged with online hate speech*, https://timesofmalta.com/articles/view/another-20-people-to-be-charged-with-online-hate-speech.898453 (aċċessata 16/09/2021).
[13] "Huwa ċar ukoll għall-osservatur każwali li l-minoranzi razzjali, etniċi u reliġjużi f'Malta jiffaċċjaw diskriminazzjoni strutturali fl-oqsma tal-abitazzjoni, tal-impjiegi, fl-operazzjonijiet tal-pulizija u fis-sistema tal-ġustizzja."; "Il-minoranzi razzjali u etniċi huma soġġetti għal razziżmu sistemiku meta jiġu f'kuntatt mal-infurzar tal-liġi u mas-sistema tal-ġustizzja kriminali."; IS-SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-UGWALJANZA U R-RIFORMI, Lejn Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija, 8; 15.



Lassana, bħal bosta migranti oħra, kien qed jikkontribwixxi għas-suċċess ekonomiku ta' dan il-pajjiż. Huwa fatt li spiss inkunu lesti li "nilqgħu" l-migranti, dment li jkollna bżonnhom biex isostnu l-attività ekonomika tagħna, biex imbagħad niskartawhom meta jweġġgħu u ma jibqax ikollna bżonnhom. Żgur m'aħniex se nħalluhom iqisu lil Malta bħala darhom. Dan kien evidenti tul il-kriżi tal-Covid meta dawk li jfasslu l-politika għamluha ċara ħafna li, minħabba r-reċessjoni ekonomika, il-migranti kollha kellhom jintbagħtu lura fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom, ladarba ma kinux għadhom "meħtieġa"[14]. Biex l-istess nies, ftitwara, qajmu l-allarm dwar in-nuqqas ta' "ħaddiema" meta l-ekonomija reġgħet fetħet fl-2021[15]. Bosta studji wrew kif l-istorja ta' suċess ekonomiku tagħna tiddependi

[14] Cf. *Foreigners who lose jobs will 'go back to their country'* – minister, https://timesofmalta.com/articles/view/governments-priority-is-to-safeguard-jobs-of-maltese-nationals.778874 (aċċessata 16/09/2021).
[15] Cf. *Restaurant and hotel sectors facing employment crises*, https://www.independent.com.mt/articles/2021-06-12/local-news/Restaurant-and-hotel-sectors-facing-employment-crisis-6736234274 (aċċessata 16/09/2021)

parzjalment fuq il-preżenza tal-migranti u n-nies lokali li bħala kumpens tax-xogħol iebes tagħhom jitħallsu l-paga minima jew inqas. Ladarba din il-paga spiss mhijiex biżżejjed għal għajxien deċenti[16], ħafna huma dawk li jispiċċaw jgħixu f'akkomodazzjoni inadegwata li għal darb'oħra ma tirrispettax id-dinjità tal-bnedmin u d-dritt għal ħajja tal-familja[17].

L-għan tagħna hawn ċertament mhuwiex li nagħmlu analiżi bir-reqqa ta' politiki u kwistjonijiet li ovvjament huma estremament kumplessi u għandhom bosta lati. Huwa pjuttost li nqajmu għadd ta' mistoqsijiet skomdi dwar in-normi u l-valuri li jiggvernaw il-ħajja tagħna flimkien, f'tentattiv li niskopru l-problemi sottostanti tas-sistema attwali li jagħmluha insostenibbli fit-terminu t-twil, kemm mill-perspettiva morali, kif ukoll ekonomika. Irridu nistaqsu lilna nfusna, pereżempju, jekk aħniex komdi nagħtu ċ-ċittadinanza lil nies mingħajr ebda rabta ġenwina ma' Malta basta jkunu lesti jħallsu għaliha, filwaqt li nagħmluha prattikament impossibbli għan-nies li ilhom jgħixu hawn Malta għal snin biex isiru ċittadini Maltin. F'dak li jirrigwarda l-applikanti għall-ażil, nirrikonoxxu li l-pajjiżi Ewropej jistgħu u għandhom jagħmlu aktar biex joffru għajnuna konkreta lill-pajjiżi tal-fruntiera bħal Malta. Mill-banda l-oħra, l-użu kostanti u ħażin tal-argument "full up" qatt ma jista' jeżonerana mir-responsabbiltà legali u morali tagħna li nirrispondu għas-sejħiet mid-dgħajjes f'diffikultà. Jekk il-kejl veru ta' soċjetà jidher fil-mod kif tittratta l-membri l-aktar dgħajfa tagħha, dan kollu għandu jservi ta' twissija li ma tistax tibqa' tħallina indifferenti.

[16] Cf. CARITAS MALTA, *A Minimum Essential Budget for a Decent living 2020*.
[17] Cf. *Watch: Migrants found living 'inhumanely' in Cow stalls in Qormi*, https://timesofmalta.com/articles/view/enforcement-team-hones-in-on-farmhouse-in-qormi.686704 (aċċessata 16/09/2021).



Miriam

# 02.03.2020

Fit-2 ta' Marzu 2020, Miriam Pace inħarġet minn taħt ir-radam ta' darha stess. Dak li suppost kien post ta' sikurezza u kumdità spiċċa sar qabar. Għad hemm bosta proċedimenti l-qorti biex jiddeterminaw il-ħtija tan-nies involuti. Iżda li huwa ċert huwa li, fi kliem l-Arċisqof Scicluna fil-funeral tagħha, Miriam kienet vittma tal-inġustizzja[18]. Wisq ta' spiss, ir-regolamenti u l-politiki li suppost qegħdin fis-seħħ biex jipproteġu lin-nies kif ukoll lill-ambjent naturali, jew ma jiġux infurzati sew jew jiġu interpretati b'tali mod li dejjem jiffavorixxi "l-iżvilupp ekonomiku". Iċ-ċittadini huma mistennija li jkunu għassa 24 siegħa kuljum ma jmurx ikun hemm bżonn li ssir oġġezzjoni kontra xi "żvilupp" jew politika ġdida. Dan iwassal għal sitwazzjoni fejn dawk li jridu jħarsu u jippromwovu forma ta' żvilupp li fil-qalba tiegħu jkollu l-kwalità tal-ħajja tan-nies qegħdin fi żvantaġġ kontra dawk li qed jippjanaw l-aħħar megażvilupp jew li jieħdu art pubblika għal raġunijiet purament ekonomiċi. Barra minn hekk, dawn tal-aħħar mhux talli għandhom aktar aċċess għall-politiċi u għal min ifassal il-politika, iżda riżorsi infinitament akbar għad-dispożizzjoni tagħhom.

Huwa ġeneralment rikonoxxut – saħansitra minn dawk fis-settur innifsu[19] – li fil-qasam tal-ippjanar u l-kostruzzjoni hemm xi ħaġa serjament ħażina. Fuq dan jiddependu mhux biss il-ħajjiet ta' dawk li jgħixu fil-biża' kull darba li jfiġġ sit tal-kostruzzjoni maġenb djarhom. Iżda wkoll, id-destin ta' bosta ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni li, minħabba negliġenza u infurzar ħażin, fi snin riċenti korrew gravi jew tilfu ħajjithom. Huwa wkoll sigriet magħruf li dan is-settur jiddependi fuq il-ħaddiema migranti, li ħafna minnhom huma impjegati irregolarment u sfruttati. Wara kollox, xejn mhi kumbinazzjoni li ħafna minn dawk li weġġgħu jew

[18] Cf. *'Miriam is a victim of injustice' – Archbishop Scicluna*, https://newsbook.com.mt/en/photos-people-gather-to-celebrate-the-life-of-miriam-pace/ (aċċessata 16/09/2021).
[19] Cf. *Good Governance absent from proposed construction reform – architects*, https://newsbook.com.mt/en/good-governance-absent-from-proposed-construction-reform-architects/ (aċċessata 16/09/2021).



inqatlu fi snin riċenti kienu migranti. F'dan is-sens, Lamin Jaiteh huwa biss wieħed minn ħafna[20].

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-kostruzzjoni hija xogħol perikoluż fih innifsu, żgur li jista' jsir aktar biex jiġi żgurat li l-proċeduri ta' sikurezza jkunu kollha fis-seħħ u jiġu segwiti kif xieraq. Rapport li nkiteb wara t-traġedja li ħadet il-ħajja ta' Miriam Pace qal li biex jiġu ffrankati l-ħin u l-ispejjeż, ċerti prassi li kienu għaddejjin fis-sit ta' kostruzzjoni, flimkien ma' nuqqas kroniku ta' infurzar xieraq, mhuma "xejn ħlief logħba ta' Russian Roulette mal-ħajjiet ta' terzi persuni"[21].

Finalment, huwa importanti wkoll li nirrikonoxxu li, fuq skala usa', kollha kemm aħna nispiċċaw inbatu minħabba l-konsegwenzi ta' deċiżjonijiet tal-ippjanar ħżiena msejsa fuq fehim dejjaq u mijopiku tal-iżvilupp. F'dak

[20] Cf. *Migrant worker allegedly dumped on roadside after building site fall*, https://timesofmalta.com/articles/view/migrant-worker-allegedly-dumped-on-roadside-after-building-site-fall.903872 (aċċessata 13/10/2021).
[21] *Playing with lives – dangerous building and excavation practices*, https://timesofmalta.com/articles/view/playing-with-lives-dangerous-building-and-excavation-practices.846720 (aċċessata 15/10/2021).

li jirrigwarda l-estetika, pereżempju "qed ngħixu f'ambjent li fih il-kruha ttaqqal ir-ruħ u tagħmel l-ordinarjetà tal-ħajja ta' kuljum aktar diffiċli"[22]. In-nuqqas ta' spazji ħodor miftuħa – idealment mhux mimsusin mill-iżvilupp u mhux maħluqa artifiċjalment bħala forma ta' kumpens għall-qerda tal-ambjent naturali – serjament jaffettwa s-saħħa mentali tagħna. Fi kliem il-Papa Franġisku, hija illużjoni li naħsbu li nistgħu nibqgħu f'saħħitna f'dinja marida[23]. U allaħares naslu fi stat li l-ispazji ħodor pubbliċi tant isiru limitati, u li l-aċċess pubbliku għall-kosta tant jinfirex li s-sinjuri biss se jkunu jistgħu jkomplu jgawdu – f'Malta jew barra – ir-relazzjoni man-natura li tfejjaqna u taħjina.

**"Hija illużjoni li naħsbu li nistgħu nibqgħu f'saħħitna f'dinja marida."**



[22] ARĊIDJOĊEŻI TA' MALTA, *Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed Proċess ta' tiġdid ekkleżjali*, 59.
[23] Cf. . IL-PAPA FRANĠISKU, *Mument Straordinarju ta' Talb presedut mill-Papa, Marzu 2020.*



**Il-Vittma bla Wiċċ**

# KULJUM

Wara li tajna widen lit-trittiku ta' ilħna li qed imexxina fir-riflessjoni tagħna, issa se niddedikaw ftit spazju lill-vuċi tar-raba' vittma: il-Vittma bla Wiċċ. Din il-vittma mhijiex bla wiċċ għax ma teżistix. Ma għandhiex wiċċ għax il-vittma bla wiċċ tirrappreżenta multitudni ta' vittmi bi pluralità ta' sfondi u stejjer. M'hemmx data għal din it-traġedja. Mhijiex traġedja li seħħet f'mument preċiż, iżda li għadha għaddejja maż-żmien ma' kull azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni.

**Naħsbu hawn fiċ-ċittadin li jħallas it-taxxa.** Ma tgħaddix ġurnata waħda mingħajr xi aħbar dwar il-miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi u l-proliferazzjoni ta' tekniki sofistikati tal-evitar u l-evażjoni tat-taxxa. Il-prinċipju tas-solidarjetà li jgħaqqad soċjetà flimkien u li mingħajru kull slogan dwar li "kollha qegħdin fl-istess dgħajsa" ma jiswew xejn u huma vojta, ma jiġix megħjux billi nagħtu d-donazzjonijiet lil kawżi ġusti. Meta mhux kulħadd jagħti dak li hu dovut billi jikkontribwixxi għall-finanzjament tas-servizzi pubbliċi, l-edukazzjoni, is-saħħa, eċċ. skont il-mezzi tiegħu, tinħoloq sitwazzjoni ta' inġustizzja ekonomika grassa, u s-solidarjetà ssir espressjoni tal-moda iżda bla sustanza.

**Niftakru f'dawk li ma joffrux jew jitolbu "pjaċiri" biex jieħdu impjieg jew servizz li huwa tagħhom bi dritt.** Jekk tiddeċiedi li ma tkunx parti minn din is-sistema korrotta jfisser li ħaddieħor – li possibbilment ma jkunx ħaqqu daqsek – se jaqbeż il-kju, u jkompli jkattar aktar il-ħtieġa li titlob pjaċir biex tirċievi dak li ħaqqek jew tkun intitolat għalih bi dritt. Dawk li din it-tentazzjoni jiqfulha jiġu tikkettati bħala stupidi jew vavi.

**Niftakru f'dawk li m'għandhomx konnessjonijiet tajbin.** F'soċjetà bħal tagħna, ħafna affarijiet isiru biss billi tkellem lil min għandek tkellem. Meta jkunu qed jippruvaw jinnavigaw is-servizzi pubbliċi, dawk fil-marġni tas-soċjetà spiss jaffaċċaw l-ostaklu doppju jew tripplu tal-

> **"Niftakru f'dawk li m'għandhomx konnessjonijiet tajbin."**

lingwa, il-preġudizzju u n-nuqqas ta' konnessjonijiet personali.

**Niftakru fil-ħaddiema kollha li, f'isem il-produttività u t-tkabbir ekonomiku, spiss jiġu obbligati jaħdmu għal sigħat twal ħafna, xi drabi mingħajr id-dritt għall-iskonnessjoni.** Meta tinqabad f'din it-tellieqa ekonomika li fiha salarju full-time spiss ma jkunx biżżejjed biex jitħallas id-dejn u tipprova tlaħħaq mal-għoli tal-ħajja, impjieg part-time spiss isir aktar bżonn milli għażla. Dan l-istil ta' ħajja frenetiku ma jħallix effett biss fuq l-individwu kkonċernat iżda inevitabbilment jaffettwa r-relazzjonijiet kollha tagħna, inkluż il-ħin ta' kwalità li jista' jiġi ddedikat lill-membri tal-familja l-oħrajn. Kollha nispiċċaw dejjem li "'ma jkunx hemm ħin biżżejjed" għal dak li tassew jiswa'[24].

**Niftakru fl-eluf ta' tfal li qegħdin fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, u li qegħdin fil-periklu li jinqabdu fin-nassa tal-faqar interġenerazzjonali[25]**. Minkejja li tul is-snin, is-sistema ta' protezzjoni soċjali f'Malta ssaħħet b'diversi modi, għad hemm aktar xi jsir biex jiġu indirizzati l-għeruq tal-faqar u jiġi żgurat li t-tfal kollha, hu x'inhu l-isfond tagħhom, jingħataw l-għodda u l-possibbiltajiet biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.

**Niftakru fl-anzjani kollha li jħossuhom emarġinati u waħedhom.** F'soċjetà li tagħti valur preeminenti lill-produttività, bosta huma dawk li jħossu li fi xjuħithom, ma fadlilhom xejn x'jikkontribwixxu. Barra minn hekk, b'ħafna minna maqbudin f'ħajja b'ritmu sfrenat, nistgħu faċilment ninsew li "n-nanniet u l-anzjani mhumiex il-fdalijiet mill-ħajja, tilqit lest biex jitwarrab. Dak li jistgħu joffrulna huwa prezzjuż tassew."[26]

**Niftakru fin-nisa kollha li huma vittmi ta' mibegħda, vjolenza u diskriminazzjoni, sempliċiment għax huma nisa[27].** Sew hux fit-triq, fil-familji jew fil-post tax-xogħol, għal wisq żmien is-soċjetà Maltija ttollerat

[24] ARĊIDJOĊEŻI TA' MALTA, *Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed Proċess ta' tiġdid ekkleżjali,* 59.
[25] *Last year, 22.6% of Maltese minors were at risk of poverty or social exclusion – Eurostat*, https://www.independent.com.mt/articles/2021-10-28/local-news/Last-year-22-6-of-Maltese-minors-were-at-risk-of-poverty-or-social-exclusion-Eurostat-6736237874 (aċċessata 11/01/2022)
[26] *Elderly are to be valued, not discarded, says Pope,* https://www.ncronline.org/news/spirituality/francis-chronicles/elderly-are-be-valued-not-discarded-pope-says (aċċessata 11/01/2022)
[27] *Woman found murdered off Sliema promenade. Suspect arrested outside Church,* https://timesofmalta.com/articles/view/woman-found-murdered-off-sliema-promenade-suspect-arrested-outside.925174 (aċċessata 21/01/2022)

livelli inaċċettabbli ta' nuqqas ta' rispett u vjolenza – fil-kliem, l-attitudnijiet, u l-għemil – lejn in-nisa. Minbarra kwalunkwe tibdil leġiżlattiv, hemm bżonn li nindirizzaw b'urġenza l-kultura misoġinista fl-għerq ta' din il-vjolenza.

**Dawn huma biss eżempju tal-ħafna nies li ta' kuljum huma vittmi tal-inġustizzja, sew hix perpetwata minn individwi jew bħala riżultat ta' problemi sistemiċi u strutturali. Ma' dawn il-vittmi nistgħu wkoll inżidu lill-ġenerazzjonijiet futuri, li sfortunatament mhux biss se jirtu piż tad-dejn pubbliku li fil-futur jista' jsir insostenibbli, iżda wkoll l-impatt sħiħ tal-emerġenza klimatika li ħafna għadhom jagħżlu li jinjoraw.**



# L-Għodda Tagħna

Waqt li l-pajjiż iħejji ruħu biex jeleġġi gvern ġdid, il-memorja tal-vittmi indikata qabel mhijiex maħsuba biex twassalna għad-disprament jew biex nitilfu t-tama. Nemmnu li bħala pajjiż u bħala komunità ta' fidi, għandna biżżejjed għodda biex flimkien inkomplu nibnu soċjetà aħjar li tipprom-wovi l-ġid komuni u ssaħħaħ l-iżvilupp uman u l-benesseri integrali ta' kulħadd, partikolarment ta' min hu l-aktar vulnerabbli. Essenzjalment irridu wkoll nikkontribwixxu lejn soċjetà li fiha huwa aktar faċli li l-individwi jkunu tajbin[28]. Biex tgħinna f'dan il-vjaġġ, se niftħu l-kaxxa tal-għodda li toffrilna t-tradizzjoni tal-Knisja Kattolika u nenfasizzaw erba' virtuijiet u attitudnijiet li ma nistgħux ninjoraw jekk, kollha kemm aħna bil-mod individwali tagħna, irridu nieħdu sehem fix-xogħol urġenti u diffiċli tal-"politika", li kif ifakkarna l-Papa Franġisku huwa wieħed mill-ogħla forom ta' karità[29]. Il-bidla hija possibbli. Iżda ma nistgħux inħal-luha għall-"oħrajn". Teħtieġ lilna lkoll.

[28] Cf. DOROTHY DAY, *On Pilgrimage*, T & T Clark, 1999, 152.
[29] Cf. IL-PAPA FRANĠISKU, *Evangelii Gaudium*, 205.



# Verità

Fis-snin wara l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, il-karba għall-ġustizzja saret marka distintiva tal-ambitu politiku u soċjali tagħna. Minn naħa waħda, il-ħtieġa għar-rikonċiljazzjoni qatt ma nħasset b'daqshekk saħħa. Sa issa, drajna l-fatt li n-nies għandhom tendenza jenfasizzaw il-ġustizzja jew ir-rikonċiljazzjoni skont it-twemmin politiku tagħhom. Iżda jista' qatt ikun hemm rikonċiljazzjoni mingħajr ġustizzja? Wara kollox, il-fil komuni li jgħaddi minn dawn l-istejjer traġiċi li semmejna qabel huwa dak ta' kultura ta' impunità mifruxa. U jekk l-impenn tagħna li naħdmu għall-ġustizzja huwa ta' restawr u mhux ta' retribuzzjoni, ġustizzja li żżomm miftuħa t-tama ta' ħajja fil-paċi bejn l-"għedewwa", tista' qatt il-ġustizzja teskludi r-rikonċiljazzjoni? Aħna nemmnu bis-sħiħ li t-tfittxija għar-rikonċiljazzjoni u t-tiftixa għall-ġustizzja jmorru id f'id. U l-valur li jirfed dawn it-tfittxijiet interkonnessi huwa l-verità.

**"Aħna nemmnu bis-sħiħ li t-tfittxija għar-rikonċiljazzjoni u t-tiftixa għall-ġustizzja jmorru id f'id. U l-valur li jirfed dawn it-tfittxijiet interkonnessi huwa l-verità."**

Ma jista' qatt ikun hemm rikonċiljazzjoni reali jekk it-terruri tal-imgħoddi tagħna ma jiġux imsemmija, rikonoxxuti u ġġudikati pubblikament. Kif enfasizza m'ilux l-Arċisqof ta' Malta, biex nirbħu lill-għadu tal-mibegħda li qed jgħammar fostna "ma nistgħux inħassru l-passat b'gomma maġika. Anke l-Papa Franġisku jgħidilna li tkun bluha li ninsew l-inġustizzja

meta nfittxu r-rikonċiljazzjoni, għax dan kulma jagħmel huwa li jiżgura li l-inġustizzja tittenna."[30] Qatt ma jista' jkun hemm ġustizzja reali jekk il-verità ma tinkixifx. Huwa kruċjali li ssir ġustizzja ma' dawk li huma direttament u indirettament risponsabbli mill-imwiet ta', pereżempju, Daphne, Lassana u Miriam. Iżda huwa wkoll kruċjali li t-tfittxija tagħna għall-ġustizzja tinkludi xewqa li ngħixu f'soċjetà ġusta "fejn is-saltna tad-dritt hija ggarantita, fejn id-drittijiet u l-obbligi huma rispettati mhux biss mill-Istat imma minn kull individwu, u fejn kulħadd huwa ndaqs quddiem il-liġi"[31]. Biex din is-soċjetà qatt ikollha ċans issir realtà, neħtieġu ċittadini onesti. Fi snin riċenti, minflok il-virtù, rajna l-espansjoni tar-regolamentazzjoni. Iżda fin-nuqqas ta' ċittadini *onesti*, l-ebda regola, regolamentazzjoni jew liġi qatt mhi se tkun biżżejjed biex tħares l-istat tad-dritt.

Il-fiduċja hija tassew skarsa fis-soċjetà tagħna. Ħafna mill-iskandli li dan l-aħħar kienu fl-aħbarijiet ewlenin – sew Malta kif ukoll barra, fil-qasam politiku/ekonomiku, kif ukoll fil-Knisja – jistgħu jiġu deskritti bħala ksur tal-fiduċja. Spiss nissottovalutaw l-importanza tal-fiduċja fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Meta nħallsu bil-kard għand tal-ħanut, ikollna l-fiduċja li se jinġibed l-ammont ġust mill-kard; meta nitilgħu fuq ajruplan, ikollna l-fiduċja li l-bdot se jeħodna fid-destinazzjoni tagħna mingħajr periklu; meta nibagħtu messaġġ lil ħabib, ikollna l-fiduċja li dak il-messaġġ fil-fatt se jintbagħat lil dak il-ħabib u mhux lil ħaddieħor. Li kieku kellna nibdew niddubitaw dawn it-tranżazzjonijiet u operazzjonijet ta' kuljum li huma msejsa fil-biċċa l-kbira fuq il-fiduċja, il-ħajjiet tagħna jsiru impossibbli. U jekk, f'livell ogħla, tintilef il-fiduċja fl-istituzzjonijiet li suppost imexxuna, jiggwidawna, jipproteġuna, eċċ., ma nkunux wisq 'il bogħod

**"Id-definizzjoni ta' persuna virtuża hija waħda li tagħmel it-tajjeb anke meta ħadd ma jkun qed iħares u li taġixxi minn sens tad-dinjità tagħha stess u ta' ħaddieħor."**

[30] *On Victory Day, Archbishop warns of the enemy within*, https://newsbook.com.mt/en/live-archbishop-celebrates-mass-on-the-feast-of-marys-nativity/Homily 7th September, (aċċessata 16/09/2021).
[31] IL-KUMMISSJONI ĠUSTIZZJA U PAĊI, *Imsejħa naħdmu għall-ġustizzja u l-paċi. Dokument tal-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi xahar mill-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, 2.*

mill-kollass totali tal-polis tagħna. U l-fiduċja hija fraġli – faċli tintilef, u diffiċli ħafna biex terġa' tinkiseb.

Il-Kummissjoni temmen bis-sħiħ li, apparti minn riforma etika msejsa fuq is-saltna tad-dritt ta' ħafna istituzzjonijiet soċjali u ekonomiċi tagħna, sabiex titreġġa' lura l-fiduċja, il-virtù tal-onestà hija kruċjali. "Soċjetà li kulma żżommha flimkien hija l-konformità mar-regoli hija fraġli minnha nfisha, miftuħa għal aktar abbużi li r-risposta għalihom tkun espansjoni ulterjuri tar-regolamentazzjoni."[32] Id-definizzjoni ta' persuna virtuża hija waħda li tagħmel it-tajjeb anke meta ħadd ma jkun qed iħares u li taġixxi minn sens tad-dinjità tagħha stess u ta' ħaddieħor. Għandna bżonn ċittadini u politiċi onesti biex imorru kontra n-narrattiva ta' ħmieġ, opportuniżmu u diżonestà li qed jivvelenaw it-tessut soċjali tagħna.

It-tfittxija għar-rikonċiljazzjoni u l-ġustizzja jinvolvu proċess twil u għali. Bħala Nsara, xejn anqas minn tiftixa intenzjonata u enerġetika ta' dawn l-għanijiet mhu biżżejjed. L-onestà, il-verità, il-ftuħ u t-trasparenza ma għandhomx ikunu biss valuri li nfittxu f'ħaddieħor u fina nfusna bħala individwi, iżda bħala karatteristiki distintivi tal-komunitajiet tal-fidi tagħna. Il-missjoni tagħna li nibnu, permezz tad-djalogu, Malta aktar ġusta u rikonċiljata, tista' sseħħ biss billi ndewwu l-ġrieħi tas-soċjetà tagħna bil-balzmu tal-verità u l-onestà.

[32] IL-KONFERENZA EPISKOPALI TAL-INGILTERRA U WALES, Choosing the Common Good, 12.



# Kuraġġ Keattiv

Fl-ittra appostolika *Patris Corde*, il-Papa Franġisku jfaħħar il-virtù tal-kuraġġ kreattiv li joħroġ quddiem xi saram, meta "nistgħu jew naqtgħu qalbna u nitbiegħdu, jew b'xi mod nitħabtu miegħu. Xi drabi, id-diffikultajiet joħorġu riżorsi li lanqas biss konna naħsbu li kellna"[33]. Aħna nemmnu li żminijietna – kemm fuq livell globali kif ukoll lokali – jeħtieġu b'urġenza l-kombinazzjoni ta' kreattività u kuraġġ jekk irridu nevitaw in-nases doppji taċ-ċiniżmu u reżinjazzjoni.

Kif naqraw fil-Ktieb tal-Proverbji: "Jekk ma jkunx hemm min iwissi, il-poplu jsir bla rażan"[34]. Dan in-nuqqas ta' viżjoni huwa wkoll nuqqas ta' immaġinazzjoni, nuqqas li nimmaġinaw futur differenti mill-preżent li ngħixu fih, nuqqas li noħolmu li soċjetà u dinja oħra huma possibbli. Fl-aħħar mill-aħħar, dan in-nuqqas ta' viżjoni li hawn mixrud madwarna jirrifletti nuqqas ta' tama. Infatti, u mhux għalxejn, bosta huma dawk li jadottaw l-attitudni ċinika ta': l-affarijiet dejjem hekk kienu, il-partiti politiċi l-istess, għalxejn tipprova, m'hemmx x'tagħmel.

F'dan il-kuntest, is-soċjetà tagħna għandha l-bżonn urġenti li tisma' u tingħabar madwar viżjoni profetika u kredibbli għalina u għal uliedna. Il-viżjoni proposta mill-Knisja u speċifikament mill-Papa Franġisku f'Laudato Si u Fratelli Tutti titkellem dwar soċjetà mibnija fuq il-ġustizzja, il-verità u s-solidarjetà. Hija soċjetà li ġidha ma jibqax jiddependi fuq il-produzzjoni tal-"ħela" – prodotti jew persuni – iżda li tippromwovi l-ġid komuni li jrid ikun dejjem jixbah somma ta' multiplikazzjoni: jekk

[33] IL-PAPA FRANĠISKU, *Patris corde*, 5.
[34] PROV 29, 18.

xi numru – jew persuna f'dan il-każ – ikun żero, mela t-total dejjem ikun żero. Jekk xi ħadd jitħalla barra u ma jingħatalux dak li hu essenzjali, mela jkun sar tradiment tal-ġid komuni. Fi kliem ieħor, il-ġid komuni huwa n-network sħiħ ta' kundizzjonijiet soċjali li jippermettu lill-individwi u lil gruppi ta' bnedmin li jiffjorixxu u jgħixu ħajja mimilja u ġenwinament umana. Il-milja li l-ġid komuni għandu l-għan li jservi huwa li l-umanità tiffjorixxi, espressa fil-frażi "żvilupp uman integrali". Din hija l-viżjoni li għandha tattira l-immaġinazzjoni tal-bnedmin kollha ta' rieda tajba u li teħtieġ doża qawwija ta' kreattività ladarba qegħdin tant 'il bogħod minn din ir-realtà.

Infatti, bosta huma dawk li se joġġezzjonaw għal din il-viżjoni, mhux bi prinċipju, iżda billi jargumentaw li din hija biċċa xogħol impossibbli u mingħajr tama. Huwa dmirna, bħala Nsara u ċittadini ta' rieda tajba, li nagħtu indikazzjonijiet ta' tama. Jista' jkun li qegħdin fil-preżenza ta' xi ħaġa ġdida li qed titwieled li, sfortunatament, ma nistgħux narawha fl-alternattivi tal-preżent[35]. Il-Knisja nfisha għandha tkun indikazzjoni ewlenija ta' tama, alternattiva ħajja , li tinflitra u tisfida l-isfera soċjali b'viżjoni aktar radikali għall-ħolma t'Alla għall-umanità: Fil-prijorità li nagħtu lil dawk li m'għandhomx valur ekonomiku, bil-mod li bih nistinkaw għall-ġustizzja saħansitra meta kollox jidher mitluf, bil-mod li bih inkomplu niddjalogaw b'fidi tajba meta madwarna jkunu qed jinbnew is-swar tal-preġudizzju, bil-mod li bih inkomplu nservu fedelment mingħajr ma nkunu qegħdin naraw riżultati.

**"Huwa dmirna, bħala Nsara u ċittadini ta' rieda tajba, li nagħtu indikazzjonijiet ta' tama."**

Huwa biss b'dan il-mod li nistgħu nsiru dwal ta' tama u nkunu xhud kredibbli meta niddikjaraw li r-relazzjonijiet miksura tagħna ma' Alla, ma' xulxin u mad-dar komuni tagħna jistgħu jiġu restawrati, imfejqa

[35] Cf. DIETRICH BONHOEFFER, *Prisoner for God. Letters and Papers from Prison*, Macmillan Company, 1953, 14.

u rikonċiljati. F'għajnejn Alla, m'hemmx kawżi mitlufa. Mhux biss fuq livell individwali iżda wkoll f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasformazzjoni possibbli tal-istrutturi politiċi, soċjali u ekonomiċi li wasslu għall-mewt ta' Lassana, Daphne u Miriam. Huwa f'idejna li nħaddnu it-tip ta' tama li "toħloq rieda li tqiegħed lilek innifsek f'post mingħajr tama u li tkun xhud, li tippermettilek temmen f'ġejjieni aħjar, saħansitra quddiem poter abbużiv"[36].

**"Trid il-kuraġġ biex tabbanduna l-kumdità ta' "niesek" jew in-newtralità komda ta' min ma jmiddx idejh u jikkritika biss."**

M'hemmx xi ngħidu, li din il-kreattività mimlija tama trid tiġi megħjuxa b'kuraġġ. Huwa l-kuraġġ tal-pijunieri li jagħżlu l-mogħdija l-inqas imterrqa, ta' dawk li jridu jibnu l-pontijiet li jirriskjaw li jinftiehmu ħażin minnaħat kollha u jiġu tikkettati bħala barranin minn kulħadd, ta' dawk retti u ta' prinċipju li jispiċċaw politikament orfni, tal-iblah li "jagħżel il-benessri ta' l-aktar minsija minflok il-kumdità tal-folol"[37]. Trid il-kuraġġ biex tabbanduna l-kumdità ta' "niesek" jew in-newtralità komda ta' min ma jmiddx idejh u jikkritika biss. Bħala komunità tal-fidi dejjem irridu nistaqsu lilna nfusna jekk xi drabi aħniex ħatja li nkunu qegħdin b'idejna fuq żaqqna bħala dawk li għandhom privileġġ soċjali u b'hekk nonqsu milli naħdmu b'kuraġġ biex nittrasformaw l-istrutturi midinba tas-soċjetà.  Il-qawwa trasformattiva tal-Vanġelu ma tista' qatt tiġi domestikata, u huwa f'idejna li niżguraw li jkun hemm fina nuqqas qaddis ta' sabar aħna u nieħdu sehem fit-tiġdid b'tama tas-soċjetà b'kuraġġ u kreattività.

[36] BRYAN STEVENSON, *Just Mercy. A book of Justice and Redemption*, Spiegel & Grau, 2015, 219.
[37] ARĊIDJOĊEŻI TA' MALTA, Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed Proċess ta' tiġdid ekkleżjali, 41.



# Temperanza

Aħna u nimxu 'l quddiem, issa nħarsu lejn il-virtù tat-temperanza. Tradizzjonalment, it-temperanza nftiehmet bħala l-virtù tal-moderazzjoni. Virtù li f'soċjetà bħal tagħna, li fiha huwa aktar faċli tgħid "daqshekk biss?" minflok "grazzi", mhijiex waħda popolari jew attraenti. Iżda madankollu, jekk irridu nazzardaw li noħolmu b'mod differenti kif nirrelataw ma' xulxin u mal-ħolqien, irridu niskopru mill-ġdid il-valuri tas-sempliċità, tas-sagrifiċċju u tas-sobrjetà f'dinja li, b'kuntrarju għas-suppożizzjoni li ssejjes il-kapitaliżmu neoliberali, hija waħda finita b'riżorsi limitati[38].

Mifhuma korrettament, it-temperanza u s-sagrifiċċju ma għandhomx jiġu meqjusa jew assoċjati ma' forma ta' ċaħda li hija għan fiha nfisha. Fil-fatt, it-temperanza, id-distakkament, u s-sagrifiċċju huma valuri kontrokulturali li, meta mifhuma kif suppost, imexxuna fid-direzzjoni tal-ferħ, aktar libertà u kura ta' ħaddieħor fuq livell personali u komunitarju. Meta nagħmlu distinzjoni bejn dak li rridu u dak li neħtieġu, u nistinkaw biex negħlbu dik ir-regħba bla tarf li hija l-għerq ta' tant ġrieħi deskritti fl-ewwel taqsima, nibdew nilmħu dik il-hena li hija ta' dawk li jafu jillimitaw ix-xewqat li jċekknuna, u fl-istess ħin jiftħuna għall-bosta possibbiltajiet differenti li l-ħajja tista' toffri[39]. Meta nitgħallmu l-"familjarità mal-aktar ħwejjeġ sempliċi u ma' kif ingawduhom"[40], bilfors se nivvalutaw mill-ġdid– bħala individwi u bħala soċjetà – il-prijorità li nagħtu lill-avvanz ekonomiku għad-detriment tar-relazzjonijiet, tas-saħħa, u

[38] Cf. KATE RAWORTH, *Doughnut Economics: Seven Ways to Think Like a 21st-Century Economist*, Chelsea Green Publishing, 2018.
[39] Cf. IL-PAPA FRANĠISKU, *Laudato sii*, 223
[40] *Ibid.*

tal-ambjent tagħna. Din "l-idolatrija tal-flus", li hija marbuta intimament mal-korruzzjoni fil-forom kollha tagħha, twassal għad-diżintegrazzjoni tat-tessut soċjali li qegħdin nesperjenzaw hawn Malta u li qed tħalli għadd bla tarf ta' vittmi.

Konverżjoni soċjali u politika tax-xorta li qed nipproponu ma tistax tibda mingħajr ma nħallu lilna nfusna nitilqu miċ-ċentru, f'mossa li dejjem timplika ċertu ċaħda u sagrifiċċju. Imnebbħa mit-tagħlim soċjali tal-Knisja, niġu sfidati "kull wieħed u waħda minna, personalment u bħala komunità, biex inkunu Knisja għal u mill-periferiji, billi nfittxu l-ġustizzja tagħhom qabel l-għana tagħna, il-ġid tagħhom qabel il-kumdità tagħna"[41]. Fil-kuntest tal-isfida gravi tat-tibdil fil-klima, pereżempju, bosta huma dawk li jirrifjutaw li jgħixu b'mod sempliċi sabiex ħaddieħor ikun jista' jgħix, minħabba li mhuma se jirċievu l-ebda benefiċċju immedjat billi jadottaw stil ta' ħajja aktar sostenibbli ("ma jaqbillix"). Tali rispons jixhed mhux biss nuqqas irresponsabbli ta' viżjoni fit-tul, iżda wkoll nuqqas insensittiv ta' rieda li nħallsu prezz sabiex nuru solidarjetà ma' dawk li l-aktar se jbatu bl-effetti devastanti tat-tibdil fil-klima. Infatti, nafu li l-impatt ta' dawn il-kriżijiet, li nħolqu primarjament mill-aktar pajjiżi sinjuri u industrijalizzati tad-dinja, se jinħassu sproporzjonatament mill-aktar nies fqar fid-dinja.

**"Persuna waħda li tgħix bit-temperanza tagħti eżempju tajjeb. Komunità li tgħix bit-temperanza tirrappreżenta forza politika li tista' tibdel is-soċjetà għall-aħjar."**

Fuq livell politiku, il-virtwijiet tat-temperanza u s-sagriċċju ta' spiss ma jissemmewx. Iżda n-nies ħaqqhom li jiġu ttrattati ta' adulti billi tingħadilhom il-verità, saħansitra meta din il-verità ma tkunx iddoqq għal widnejhom. Meta jiġu affaċċati b'realtajiet diffiċli, bħal pereżempju matul il-pandemija tal-COVID-19, iċ-ċittadini madwar id-dinja, ġustament, jitolbu li tingħadilhom il-verità, mingħajr ebda logħob bil-kliem jew tidwir mal-lewża. L-istess spirtu

[41] ARĊIDJOĊEŻI TA' MALTA, *Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed Proċess ta' tiġdid ekkleżjali,* 59.

ta' tmexxija bil-verità, għall-kuntrarju ta' forma ta' popoliżmu li jgħid biss lin-nies dak li jixtiequ jisimgħu, għandu jkun in-norma, u mhux l-eċċezzjoni. Nafu li l-bini ta' soċjetà aktar inklużiva mibnija fuq il-verità, il-ġustizzja u r-rispett għad-dar komuni tagħna mhijiex xi ħaġa faċli. Kull min iwegħedna mod ieħor qiegħed jonqos lis-soċjetà bil-kbir. U bħala Nsara, irridu nkunu fuq quddiem biex nilqgħu l-istedina li nirrispettaw dawn il-limiti li huma imposti mill-imħabba tagħna lejn ħaddieħor u lejn id-dar komuni tagħna. Is-sejħa tagħna li nġeddu d-dinja "trid tingħex fi spirtu ta' rażan"[42], billi niċħdu l-kilba li dejjem ikollna aktar u li nkunu aktar. F'dan irridu niġu ggwidati it-tama li persuna waħda li tgħix bit-temperanza tagħti eżempju tajjeb. Komunità li tgħix bit-temperanza tirrappreżenta forza politika li tista' tibdel is-soċjetà għall-aħjar.

[42] *Idem*, 40.



# Paċenzja Ħanina

> *"Xi drabi jidher daqslikieku li xogħolna mhux qed iħalli frott, iżda l-missjoni mhijiex bħal tranżazzjoni tan-negozju jew investiment, jew saħansitra attività umanitarja. Mhijiex xi spettaklu li fih ngħoddu kemm jiġu nies b'riżultat tar-riklamar tagħna; hija xi ħaġa aktar profonda, li taħrab kull kejl. Jista' jkun li l-Mulej juża s-sagrifiċċji tagħna biex iroxx il-barka tiegħu f'parti oħra tad-dinja li aħna qatt m'aħna se nżuru. L-Ispirtu s-Santu jaħdem kif irid, meta jrid, u fejn irid; aħna nintelqu f'idejh mingħajr ma nippretendu li naraw riżultati kbar. Nafu biss li l-impenn tagħna huwa meħtieġ. Ejjew nitgħallmu nistrieħu fil-ħlewwa ta' jdejn il-Missier fil-qalba tal-impenn kreattiv u ġeneruż tagħna. Ejjew inkomplu mexjin 'il quddiem; ejjew nagħtuh kollox, u nħalluh jagħmel l-isforzi tagħna jagħtu l-frott fil-waqt tiegħu."*[43]

Aħna u noqorbu tmiem dawn ir-riflessjonijiet, inħossu li huwa importanti li nirrikonoxxu li xi drabi huwa faċli ħafna li tiskoraġġixxi ruħek. It-tentattivi tagħna li nibnu soċjetà rikonċiljata msejsa fuq il-verità u l-ġustizzja mhux dejjem jidhru li jħallu l-frott. L-isforzi tagħna jidhru fil-biċċa l-kbira għalxejn. Bħal Pietru fuq l-għadira ta' Ġennesaret, naħdmu lejl sħiħ mingħajr ma naqbdu xejn[44]. F'mumenti bħal dawn, it-tentazzjoni tal-Poplu t'Alla ssir it-tentazzjoni tagħna. Meta "l-art imwiegħda" ma tkun tidher imkien u nkunu miexja, għajjenin, f'ambjent ostili, tiġina t-tentazzjoni li mmorru lura "l-Eġittu", lejn dak li hu familjari u "sigur",

[43] IL-PAPA FRANĠISKU, *Evangelii Gaudium*, 278-279.
[44] Cf. LQ 5, 5.

minkejja li nafu li huwa art il-jasar. Bħalhom, minbarra li nafdaw f'Alla, aħna msejħin inkunu paċenzjużi, magħna nfusna u ma' ħaddieħor.

Konformi max-xejriet ta' żmienna, għandna tendenza li nkunu rridu kollox, li nkunu rriduh issa, b'riżultati mistennija ċari u li jistgħu jitkelju li jiddefinixxu l-livell ta' suċċess tagħna. Bħala komunità ta' fidi li ssegwi Alla Msallab, forsi ta' min ninterrogaw ċerta definizzjoni tas-suċċess. F'dan, aħna mmexxija minn dawk li, bħal Kristu, jimxu spalla ma' spalla ma' dawk li jgħixu fil-marġni tas-soċjetà tagħna. Fi kliem Greg Boyle, Ġiżwita li jmexxi programm ta' interventi u riabilitazzjoni tal-gruppi kriminali (gangs), "is-suċċess u l-falliment, fl-aħħar mill-aħħar, ftit għandhom x'jaqsmu ma' li tgħix il-Vanġelu. Ġesù sempliċiment qagħad mal-emarġinati sa ma ntlaqgħu jew sa ma ssallab – skont liem tiġi l-ewwel."[45] Il-Papa Franġisku jfakkarna wkoll li "ż-żmien huwa akbar mill-ispazju" u aktar milli nossessjonaw ruħna li jkollna "prodott" lest u ppakkjat sabiħ, aħna msejħa li nkunu dawk li nibdew il-proċess saħansitra meta d-destinazzjoni – u wisq inqas is-"suċċess" tagħha – tkun altru milli ċara u ż-żmien li neħtieġu biex nilħquha ma jkunx definit[46].

F'dan il-vjaġġ twil, immarkat mill-inċertezza u l-frustrazzjoni, irridu wkoll nitgħallmu l-importanza li nkunu ħanina, ma' ħaddieħor, kif ukoll magħna nfusna. Dawk li nagħżlu biex jakkumpanjawna matul dan il-vjaġġ, f'xi punt jew ieħor sejrin ma jaqblux magħna. It-tentazzjoni li niddawru b'nies li jaħsbuha bħalna qatt ma tkun 'il bogħod. U huwa aktar diffiċli l-fatt li jekk tassew irridu li dan il-vjaġġ ikun wieħed ta' rikonċiljazzjoni, irridu naqsmu mill-inqas xi partijiet mill-vjaġġ ma' nies li jeħtieġu l-maħfra tagħna. B'xorti ħażina, it-temi tal-maħfra u l-ħniena xi drabi inftiehmu ħażin bħala li jimplikaw ħtieġa li naħfru kull deni u ninjoraw kull weġgħa. Iżda l-ħniena ta' veru qatt ma tista' tieħu post il-ġustizzja.

**"Il-ħniena, mogħtija jew riċevuta, qatt ma tkun mistħoqqa u ma tistax tintalab bi dritt."**

[45] GREGORY BOYLE, *Tattoos on the heart. The Power of Boundless Compassion*, Simon & Schuster, 2010, 172.
[46] Cf. IL-PAPA FRANĠISKU, *Amoris Laetitia*, 3.

Dak li rridu niġġieldu għalih huwa l-ħniena ġusta. Il-ħniena, mogħtija jew riċevuta, qatt ma tkun mistħoqqa u ma tistax tintalab bi dritt. Tista' biss tingħata liberament. Iżda l-ġustizzja, mingħajr il-ħniena, qatt ma tista' tkisser iċ-ċiklu ta' ħolqien ta' vittmi, tpattija u tbatija. "Hija biss l-imħabba li tista' tibni, filwaqt li l-mibegħda twassal għad-devastazzjoni u l-qerda. Iċ-ċiklu mortali tal-vendetta jrid jiġi sostitwit bil-libertà ġdida tal-maħfra."[47]

Fl-attiviżmu soċjali u politiku tagħhom, l-Insara mhux se jinqatgħu mid-"dinja" permezz ta' marki speċjali jew saħansitra mill-formazzjoni ta' Partit "Nisrani" apposta. Il-karatteristika distintiva tagħna hija l-mod li bih ngħixu u nfittxu din il-ħniena ġusta fl-azzjonijiet tagħna ta' kuljum. "Bħalma jgħid Karl Rahner SJ, l-Insara fid-dinja jridu jkunu 'mistiċi' b'dak kollu li jagħmlu; huma jdaħħlu l-ħniena ta' Alla fl-azzjonijiet kollha tagħhom kull fejn ikunu"[48].

Aħna li rċevejna l-ħniena ta' Alla[49], naqsmu bil-ferħ ma' ħaddieħor l-Aħbar it-Tajba tal-ħniena eterna ta' Alla għad-dinja. F'kuntest politiku li fih ix-xewqa li nkissru l-avversarju tagħna hija dejjem preżenti, li fih il-partiti politiċi jippruvaw jisbqu lill-avversarji billi ta' kuljum juru s-saħħa tagħhom, ma tantx jidher li fadal spazju għall-ħniena, li tidher dgħajfa. Iżda madankollu, jekk l-għan tagħna huwa li nibnu soċjetà li fih ħadd ma jitkisser jew jiġi eliminat, l-ewwel irridu niltaqgħu flimkien fl-umanità tagħna. Minflok inħarsu 'l fuq u nieħdu sehem f'eżaltazzjoni tas-saħħa u l-poter, inħarsu 'l isfel aħna u nistinkaw biex noħolqu kultura ta' inkontru li tista' titwieled biss mill-istat imġarraf komuni tagħna. Għax huwa hemm biss li nesperjenzaw il-ħtieġa tal-ħniena u niftħu lilna nfusna

**"Minflok inħarsu 'l fuq u nieħdu sehem f'eżaltazzjoni tas-saħħa u l-poter, inħarsu 'l isfel aħna u nistinkaw biex noħolqu kultura ta' inkontru li tista' titwieled biss mill-istat imġarraf komuni tagħna."**

[47] IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II, *Messaġġ għat-XXX Jum Dinji tal-Paċi,* 1 ta'Jannar, 1997, 3.
[48] ARĊIDJOĊEŻI TA' MALTA, *Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed Proċess ta' tiġdid ekkleżjali*, 40.
[49] Cf. 2 KOR 4,1.

għall-possibbiltà li naqsmu ma' ħaddieħor dak li rċevejna aħna stess. Kif qal Bryan Stevenson, avukat Amerikan li għal snin twal ilu jiġġieled l-inġustizzja fis-sistema tal-ġustizzja kriminali:

> *"Hemm saħħa, saħansitra setgħa, li tifhem l-istat imġarraf tagħna, għax billi nħaddnuha, noħolqu ħtieġa u xewqa għall-ħniena, u forsi wkoll ħtieġa korrispondenti li nuru ħniena. Meta tesperjenza l-ħniena, titgħallem affarijiet li mod ieħor ikunu diffiċli titgħallimhom. Tara affarijiet li mod ieħor ma tarahomx; tisma' affarijiet li mod ieħor ma tismagħhomx. Tibda tagħraf l-umanità li tgħammar f'kull wieħed u waħda minna."*[50]

Aħna bdejna l-vjaġġ tagħna billi tajna wiċċ lill-vittmi tas-soċjetà tagħna. Se nispiċċawh bl-istedina li nagħrfu l-umanità li tgħammar f'kull wieħed u waħda minna, inkluż f'dawk li huma l-ibgħad u l-aktar differenti minna. Affaċċati minn bosta forzi ċentrifugali li qed ibegħduna dejjem aktar minn xulxin, qed nazzardaw nipproponu triq li tgħaqqadna flimkien. Minbarra li ndewwu l-ġrieħi tal-vittmi, aħna msejħin li nisimgħu l-ilħna tagħhom u nitgħallmu dwar kif spiċċaw hemm, u nfittxu modi konkreti u kreattivi biex nitfgħu il-bsaten fir-roti tal-inġustizzja li hemm fl-għeruq. Huwa biss billi nisimgħu b'attenzjoni dawn l-ilħna li l-qlub u l-imħuħ tagħna jistgħu jintmessu. Is-smigħ veru jippermettina li tassew inkunu qed infittxu dik il-verità li mingħajrha l-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni se jibqgħu illużjoni għal dejjem. Is-smigħ veru se jippermettilna niltaqgħu mal-oħrajn bħala ħutna. Jekk nazzardaw nagħmlu dan, ħajjitna "tikkumplika ruħha b'mod tal-għaġeb"[51] aħna u nesperjenzaw intensament x'jiġifieri li tkun aġent tar-rikonċiljazzjoni u t-tama f'dan pajjiżna li tant inħobbu.

**"Affaċċati minn bosta forzi ċentrifugali li qed ibegħduna dejjem aktar minn xulxin, qed nazzardaw nipproponu triq li tgħaqqadna flimkien."**

[50] BRYAN STEVENSON, *Just Mercy. A book of Justice and Redemption*, Spiegel & Grau, 2015, 290.
[51] IL-PAPA FRANĠISKU, *Evangelii Gaudium*, 270.



# Fil-Prattika

Is-sejħat għall-azzjoni li nsibu hawn taħt m'humiex maħsubin bħala lista li tkopri kollox. Fil-fatt kemm it-tradizzjoni tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja, kif ukoll dik tad-dixxerniment spiritwali, jħallu l-ispazju għall-diversità ta' tweġibiet quddiem l-isfidi komuni tagħna. L-azzjonijiet issuġġeriti huwa għaldaqstant stedina miftuħa għall-persuni kollha ta' rieda tajba u mudell li kull individwu, komunità, familja u partit politiku jista' juża biex jiddixxerni risposta konkreta għall-bżonnijiet konkreti li ġew identifikati f'dan id-dokument.

# Il-Bnedmin Kollha ta' Rieda Tajba

## Ġustizzja Soċjali

*Lil hinn minni:* Evalwa kif id-deċiżjonijiet tiegħek – li jistgħu jmorru mill-mod li bih ir-regoli tat-traffiku jiġu injorati regolarment għall-evażjoni tat-taxxa – għandhom impatt reali fuq ħaddieħor u fuq il-ġid komuni.

## Ġustizzja Ambjentali

*Ngħix bis-sempliċità:* Mur lil hinn milli titkellem biss dwar it-tħassib ambjentali billi tikkonsma ħafna inqas, billi tħaddan it-trasport pubbliku u attiv (mixi, ir-rota), aħdem biex kemm jista' jkun ma tħallix skart, aħdem favur l-enerġija rinnovabbli u kul anqas laħam.

## Ġustizzja Razzjali

*Tħabbeb:* Minbarra li tikkundanna u tirrapporta kwalunkwe episodju ta' mibegħda u diskriminazzjoni razzjali li tara online jew fit-triq, għin biex tiżżarma l-mentalità ta' "aħna u huma" billi ssir ħbieb mal-migranti u r-refuġjati li tiltaqa' magħhom fil-post tax-xogħol, fil-komunità, jew fiċ-ċirku soċjali tal-ħbieb tiegħek.

## Governanza Tajba

*Iż-żejjed kollu żejjed:* Bil-vot u l-imġiba tiegħek, għid le lil sistema korrotta li fiha l-kandidati jippruvaw "jixtru" l-vot tal-kostitwenti tagħhom billi jevitaw sistemi li qegħdin hemm biex jiżguraw it-trasparenza u l-ġustizzja.

# Komunitajiet Nsara

## Ġustizzja Soċjali

*Oħloq spazji fiżiċi u virtwali ta' inkontru u rikonċiljazzjoni:* Akkumpanja lin-nies fl-iskoperta mill-ġdid – fi vjaġġ ta' verità u ġustizzja mżewwaq bil-ħniena – tal-arti mitlufa tad-djalogu bejn l-aħwa bejn dawk kollha li jirrifjutaw li  jgħixu f'soċjetà f'kunflitt u firda permanenti.

## Ġustizzja Ambjentali

*Niskopru mill-ġdid id-dar komuni tagħna:* Ladarba ħadd ma jipproteġi dak li ma jimpurtahx minnu, u ħadd ma jimpurtah minn dak li qatt ma esperjenza, islet mit-tradizzjoni għanja tal-Knisja fejn tidħol il-kontemplazzjoni u l-meditazzjoni billi tingħaqad mal-Laudato Si Platform (https://laudatosiactionplatform.org/) li tipproponi b'mod kreattiv esperjenzi spiritwali man-natura u fiha.

## Ġustizzja Razzjali

*Semma' leħnek kontra r-razziżmu:* L-Insara kollha f'pożizzjonijiet ta' tmexxija għandhom jiċħdu kull teorija jew forma ta' razziżmu u diskriminazzjoni razzjali bħala moralment inaċċettabbli u inkompatibbli mal-fidi Nisranija tagħna.

## Governanza Tajba

*Implimentazzjoni ta'-politika dwar l-aċċettazzjoni ta' għotjiet:* Fassal u implimenta, fil-livell tad-Djoċesi, Politika dwar l-Aċċettazzjoni ta' Għotjiet li tissalvagwardja u tavvanza l-valuri tat-trasparenza, il-governanza tajba u l-ġustizzja ambjentali u soċjali.

# Partiti Politiċi

## Ġustizzja Soċjali

*Adottaw baġit għall-benessri:* Minflok jibqa' ċċentrat madwar kejl ekonomiku bħall-GDP, il-baġit annwali għandu jmur lil hinn mill-GDP (Beyond GDP, https://bit.ly/3zAUicG) u jimmira lejn firxa usa' ta' eżiti, bħat-titjib tas-saħħa mentali, it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal, li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi, u li ssir tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli.

## Ġustizzja Ambjentali

*Ħallu n-natura bi kwietha:* Minflok toħolqu "spazji ħodor", ipproteġu l-ispazji miftuħa eżistenti u żguraw li l-liġijiet u r-regolamenti tal-ippjanar eżistenti jiġu infurzati, waqt li tagħtu lin-natura – u liċ-ċittadini – ftit nifs billi nimxu mid-dependenza li għandna fuq il-karozzi u tippromwovu l-mobbiltà sostenibbli.

## Ġustizzja Razzjali

*Implimentaw il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija:* Irrikonċiljaw l-għanijiet ta' dan il-Pjan mal-liġijiet, il-politiki u l-prassi kollha, inklużi dawk li jirregolaw l-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, u l-kollaborazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-ġestjoni tal-flussi migratorji.

## Governanza Tajba

*Iġġieldu l-klijenteliżmu korrott:* Irregolaw b'mod strett il-lobbjar permezz ta' liġi ġdida u agħmlu lill-partiti politiċi u lill-membri parlamentari anqas dependenti fuq id-donazzjonijiet mill-individwi u n-negozji billi jiġi introdott il-finanzjament statali tal-partiti u l-membri parlamentari jsiru full time.

# L-impenn tiegħi

yahad.mt